# Il-Bidu tal-Parroċċa tal-Qrendi

*Kitba ta' Martin Formosa*

Il-parroċċa tal-Qrendi rat il-bidu tagħha wara li Mons Baldassare Cagliares[1] għamel it-tieni vista tiegħu fejn qata' minn mal-matriċi taż-Żurrieq it-tliet irħula jiġifieri Ħal Kbir, Ħal Manin u Ħal Lew. Dan ġara għaliex innies li kienu joqogħdu f'dawk l-inħawi kienu ilhom jilmentaw li kellhom wisq bogħod biex jattendu fil-knisja taż-Żurrieq speċjalment ix-xjuħ u n-nisa. Wara din iddeċiżjoni, l-Arċipriet taż-Żurrieq Dun Nicola Bonnici żamm id-dritt li jkun hu li jaħtar l-ewwel kappillan f'din il-parroċċa ġdida. Dan ġara fil-15 ta' Frar 1618 fejn Don Salvatore Burlò ħa l-pussess ġurnata qabel.[2] Huwa dam sentejn bħala kappillan.



F'dak iż-żmien il-knisja tal-Qrendi ma kinitx possibbli li taqdi l-funzjoni ta' knisja parrokkjali. Ta' min isemmi li sa dak iż-żmien kienu jeżistu żewġ knejjes ħdejn xulxin dik iddedikata għall-Assunzjoni ta' Marija Verġini u dik ta' Sant' Antnin. Malli ħa l-pussess tiegħu t-tieni Kappillan Dun Giomaria Camilleri (1620-1668) ħatt dawn il-knejjes u bdiet tinbena waħda ġdida fl-1620 li tlestiet fl-1655. Fl-1668 beda jinbena l-kampnar tan-naħa tal-Agunija li tlesta fl-1679.[3]

Biss it-tielet Kappillan Dun Domenico Formosa (1677-1699) wara li qies li l-popolazzjoni tal-parroċċa kienet qed tikber, ħa deċiżjoni kuraġġuża u ħatt il-knisja li kienet għada kif inbniet biex jibni waħda akbar. Il-bini tal-knisja l-ġdida nbeda fl-1685 imma x-xogħol waqaf fl-1691 u dam wieqaf sal-1695.[4] Hawn ta' min isemmi li l-kappillan Formosa miet waqt inċident fejn waqt li kien tiela' b'ġebla fuq spalltu waqa' u baqa' mejjet filpost. Dan ġara fis-17 ta' Jannar 1699. Warajh inħatar Dun Pietru Zerafa (1701-1716) bħala l-ħames kappillan. Il-bini tlesta minn kollox fl-1712 imma jingħad li meta l-ħitan tal-korsija kienu tlestew sal-għoli tagħhom dawn reġgħu inħattu u nbnew mill-ġdid b'korsija aktar wiesgħa. Hawn ta' min jinnota s-sagrifiċċji kbar li saru mill-parruċċani biex bnew il-knisja tagħhom. Il-knisja parrokkjali hija twila 113 il-pied, il-korsija hija wiesgħa 23 pied u minn kappellun għall-ieħor hemm 76 pied tul. Fiha jinsabu 10 artali u l-pjanta hija tal-arkitett rinomat Lorenzo Gafà.

Il-knisja parrokkjali ddedikata lil Santa Marija Assunta ġiet ikkonsagrata fit-13 ta' Ottubru 1782 minn Mons Isqof Vincenzo Labini wara talba mill-kappillan Dun Antonio Mizzi (1755-1804). Fi żmienu saru żewġ qniepen u fir-raħal hawn triq imsemmija għalih. Maż-żmien, filparroċċa twaqqfu żewġ fratellanzi oħra, dik taċ-Ċintura fis-7 ta' Diċembru 1736 u dik tal-Madonna ta' Lourdes fl-1878.

F'għeluq il-mitt sena mill-konsagrazzjoni tal-knisja, Dun Ċelestin Camilleri għamel l-irħam tal-presbiterju, filwaqt li fl-1955 Dun Mattew Magro għamel l-irħam tal-knisja kollha għand id-ditta ta' Theuma.

## Referenzi

[1] L-Isqof Baldassare Cagliares O.S. Io. Hieros. Twieled fil-Belt Valletta fl-1575 fejn missieru kien Spanjol u ommu kienet mill-Belt Victoria, Għawdex. Huwa ġie maħtur Isqof ta' Malta fit-18 ta' Mejju 1615 fl-età ta' 40 sena. Huwa miet fl-4 ta' Awwissu 1633 meta kellu 58 sena.

[2] Dun Rajmond Ellul, IL-PARROĊĊA TAL-QRENDI F'GĦELUQ IT-350 SENA, p.4

[3] Achille Ferris, DESCRIZIONE STORICA DELLE CHIESE DI MALTA E GOZO, p.488

[4] Dun Rajmond Ellul, IL-PARROĊĊA TAL-QRENDI F'GĦELUQ IT-350 SENA, p.5